MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 111/2005

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati b' digriet tat-3 ta' April 2006 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu b' cerimonja civili fis-17 ta' Dicembru, 1984 fir-Registru ta' Westminister, Londra (vide Dok. A) u sussegwentement iccelebraw zwieg

religjuz fil-Knisja Ta' Giezu, Rabat, Malta fit-22 ta' Dicembru, 1985 (vide Dok. B);

Peress illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom tliet ulied - D li twieldet fis-16 ta' Mejju, 1985 f' Camden, l-Ingilterra (vide Dok. C); E li twieldet f' Tal-Pieta', Malta fil-25 ta' Ottubru, 1986 (vide Dok. D); u F li twieled Tal-Pieta', Malta fl-20 ta' Novembru, 1988 (vide Dok. E);

Peress illi mill-istess ulied, D u E, ahwa B, illi ghandhom dsatax (19) u tmintax-il (18) sena rispettivament, huma magorenni, filwaqt illi F B, illi ghandu sittax-il (16) sena ghadu minorenni;

Peress illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhaba adulterju, ingurji gravi u abbandun da parti tal-konvenuta illi tahti unikament ghall-firda ta' bejn il-kontendenti, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Peress illi effettivament il-konvenuta qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali u marret l-Ingilterra fejn qed tghix ma' ragel ta' nazzjonalita Tunezina;

Peress illi l-konvenuta anke mexxiet proceduri ta' divorzju kontra l-attur fil-Qrati Inglizi;

Peress illi l-kontendenti kienu diga' ftiehmu fuq l-aspetti kollha sabiex tigi konkluza separazzjoni konsenswali bejniethom a bazi ta' dan il-ftehim il-konvenuta giet assenjata s-somma ta' sitta u erbghin elf lira Sterlina (GBP46,000) ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti;

Peress illi effettivament il-kontendenti kienu diga ffirmaw kuntratt ossija ftehim ta' separazzjoni bonarja, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok. F, liema ftehim m' ghandux validita' skond il-ligi minhabba illi s-separazzjoni bonarja ma gietx konkluza permezz ta' kuntratt pubblika u bid-debita awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, liema ftehim, pero, jikkostitwixxi riflessjoni cara u fidika tar-rieda tal-partijiet;

Peress illi din l-iskrittura kienet giet iffirmata wara illi l-konsulent legali tal-attur ta' dak iz-zmien kien, permezz ta' ittra datata 24 ta' Settembru, 2003 (vide Dok. G), staqsa lill-konvenuta jekk kienx hemm possibilta' ta' rikonciljazzjoni, u l-konvenuta permezz ta' ittra responsiva tas-7 ta' Ottubru, 2003 (vide Dok. H) tenniet ir-rieda taghha li tissepara a bazi tal-ftehim gja' milhuq bejn il-partijiet;

Peress illi sussegwentement u konsegwenzjalment ghal dan il-ftehim, il-konvenuta irceviet is-somma ta' sitta u erbghin elf lira Sterlina (GBP46,000) ghas-saldu ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti skond struzzjonijiet moghtija minnha stess, tant li permezz ta' ittra datata 8 ta' Dicembru, 2003 (vide Dok I) hija kienet tat istruzzjonijiet lill-konsulent legali tal-attur ta' dak iz-zmien sabiex mill-bilanc li kien ghad lilha dovut ta' GBP40,000 (stante illi l-konvenuta diga kienet irceviet GBP6,000), huwa kellu jnaqqa is-somma ta' GBP2,000 rapprezentanti, fi kliem il-konvenuta stess, *"a debt of Lstg2,000 (two thousand Great Britain Pounds) towards my husband and a relative of his"*, u ghaldaqstant il-konvenuta thallset is-somma bilancjali ta' GBP38,000 skond l-istruzzjonijiet minnha moghtija;

Peress illi minhabba t-tkissir taz-zwieg kagun ta' tortijiet attribwibbli lill-konvenuta, l-attur irrefera l-kaz ghall-medjazzjoni permezz ta' ittra datata 15 ta' Ottubru, 2004 (vide Dok. J) u naturalment wara li l-medjazzjoni nghalqet minghajr success, l-attur gie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jistitwixxi dawn il-proceduri (vide Dok. K);

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti 'a mensa et thoro' ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

2. tiddikjara illi l-konvenuta hija unikament hatja ghall-firda tal-kontendenti minhabba adulterju u/jew abbandun u/jew ingurji gravi minnu perpetrati, u dan a tenur tal-artikoli 38 u 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. konsegwentement tikkommina u tapplika kontra l-konvenuta dawk l-effetti prefissi fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. tiddikjara xolta tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b' dan illi b' effett mid-data tas-sentenza kull akkwist maghmul ghandu jibqa' proprjeta' esklussiva tal-parti li tkun ghamlitu u kull obbligazzjoni assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha, u dan a tenur tal-artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg kontendenti u tiddividiha f' zewg porzjonijiet, u tassenja porzjon kull wiehed lil kull parti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komputati tenendo kont tal-krediti illi ghandu l-attur fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti u tar-rieda tal-istess partijiet skond kif diga esternata fil-ftehim ta' separazzjoni minnhom iffirmat, kif imfisser fil-premessi citattivi, u anke bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet menzjonati fit-tielet (3) talba;

6. tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u sabiex jaghmel dak kollu illi huwa mehtieg, incidentali u/jew ancillari ghal dan l-iskop;

7. tinnomina kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumacja tal-kontumacja tal-konvenuta fuq l-att tal-qasma u assenjazzjoni;

8. tiddikjara illi l-fond bin-numru ufficjali tnax (12), Triq il-Patrijiet, Rabat m' ghandux jitqies izjed bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti;

9. tordna li ghandu jkun l-attur illi jkompli jirrisjedi fid-dar matrimonjali 12, Triq il-Patrijiet, Rabat irrispettivament mill-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, ad eskluzjoni

tal-konvenuta, u dan a tenur tal-artikolu 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. takkorda lill-attur il-kura u kustodja u l-poter patern fuq il-minuri F B inkluz id-dritt illi johrog u jzomm passaport ghall-imsemmi minuri u jawtorizza s-safar mill-istess minuri minghajr l-htiega tal-kunsens u/jew l-accettazzjoni tal-konvenuta;

11. tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet minn kwalsijasi dritt illi titlob u/jew tircievi hlas ta’ retta alimentari minghand l-attur;

12. tawtorizza lill-attur sabiex tirregistra s-sentenza ta’ separazzjoni personali meta din tkun saret *res judicata*, u dan a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

13. taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha opportuni illi din l-Onorabbli Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidrilha li jkunu hekk mehtiega ghat-twettiq shih u sewwa ta’ dan il-gudizzju.
Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jissottomettu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-assenti ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 imputabbli unikament lil martu.

Illi mill-provi rrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta’ Dicembru 1984 fl-Ingilterra u minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal li llum huma maggjorenni. Illi l-assenti kienet marret l-Ingilterra ghal perijodu ta’ erba gimghat u ma rritornatx Malta, filwaqt li l-attur baqa’ jghix f’ Malta fid-dar matrimonjali numru <<<indirizz>>>, flimkien mat-tlett uliedu. Sussegwentement sar jaf li martu kienet bdiet relazzjoni ma’ persuna identifikat minnu u ta’ nazzjonalita’ Tunezina. Sallum l-attur ma jafx fejn qeda l-assenti.

Jirrizulta li fit-23 ta’ Ottubru 2003 il-partijiet iffirmaw ftehim regolanti s-separazzjoni bejnithom u inkluza l-likwidazzjoni u l-ispartizzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.  Dan il-ftehim jinsab esebit a fol.14 u 15 tal-process u markat bhala dok.F

Illi jidher li f’ dan il-kaz jikkonfiguraw l-ingurja gravi da parti ta’ l-assenti fil-konfront ta’ l-attur meta dina qabdet relazzjoni extra matrimonjali, kif ukoll l-abbandun stante li jirrizulta li dan jestendi ghal aktar minn sentejn, a tenur ta’ l-Artikoli 40 u 41 tal-Kap.16.

Illi rigward il-kommunjoni ta’ l-akkwisti, jigi osservat li:

[1] din tikkonsisti fl-assi kif indikati fin-nota guramentata ta’ l-attur prezentata minnu fit-28 ta’ April 2006 a fols.60 sa 62 tal-process u senjatament fil-paragrafu [D] intestat “Komunjoni ta’ l-Akkwisti” u li qed jigi addottat minn din il-Qorti b’ mod li jifforma parti integrali minn dan il-gudizzju;

[2] il-partijiet kienu diga’ ftehmu dwar il-likwidazzjoni ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti fl-imsemmi ftehim, u senjatament fil-paragrafi [4][5][6][7][8] u [9] li qed jigu addottati minn din il-Qorti b’ mod li ghandhom jitqiesu bhala formanti parti integrali mill-gudizzju odjern.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tilqa’ l-ewwel talba;

[2] tilqa' t-tieni talba in bazi ghall-Artikoli 40 u 41 tal-Kap.16;

[3] tilqa' t-tielet talba u tapplika fil-konfront ta' l-assenti C B d-dispost ta' l-Artikolu 48 fl-intier tieghu;

[4] tilqa' r-raba talba fit-termini taghha;

[5] tilqa' l-hames talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti skond il-fethim milhuq bejn il-partijiet, esebit a fols.14 u 15 tal-process bhala dok.F, u senjatament il-paragrafi [4][5][6][7][8] u [9];

[6] tilqa' t-talbiet numri sitta u seba, u tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex jircevi, fl-edifizju tal-Qorti fi zmien xaharjen f' gurnata u hin fissati minnu, l-att opportun u assenjazzjoni u sabiex jaghmel dak kollu illi huwa mehtieg, incidentali u/ancillari ghal dan l-iskop; u tinnomina lil Dottor Graziella Bezzina sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci;

[8] tilqa' t-talbiet numri tmienja u disa', u tiddikjara li l-fond numru <<<indirizz>>> m' ghandux jitqies izjed bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet; u tawtorizza li l-attur ikompli jirrisjedi f' dan il-fond ad eskluzjoni tal-konvenuta;

[9] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba numru ghaxra, stante li ulied il-kontendenti llum il-gurnata huma maggjorenni;

[11] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba numru hdax, stante li din it-talba hija inkorporata fit-talba numru tlieta li tinsab deciza;

[12] tilqa' t-talba numru tnax;

L-ispejjez ikun a kariku ta' l-assenti; izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------